VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,891, 27 ta' Ottubru, 2017
Taqsima B

A.L. 301 tal-2017

ATT DWAR L-ARMI
(Kap. 480)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw l-Iskeda I li tinsab mal-Att dwar l-Armi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 65 tal-Att dwar l-Armi, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2017 li jemendaw l-Iskeda I li tinsab mal-Att dwar l-Armi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Iskeda I tal-Att dwar l-Armi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda I". Kap. 480

Jemenda l-Iskeda I.

2. Fl-Iskeda I, minnufih wara l-partita 13 tagħha, għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"14. Kwalunkwe parti mhux essenzjali jew aċċessorju intiż b'mod speċifiku sabiex iżid ir-rata tal-isparar ta' armi semi awtomatiċi jew ta' armi tan-nar oħra, inkluż iżda mhux limitat għal *bump-stocks*.".